## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 251/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Sabrina Camilleri**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata, Sabrina Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 380989M akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1) Nhar is-26 ta' Settembru 2017 għall-ħabta ta' 08:45hrs ġewwa San Giljan, attakkat jew għamlet rezistenza bi vjolenza jew

b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe WPC Abigail Couldrey, filwaqt li kienet qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skond il-Liġi mill-awtorita' kompetenti;

2) Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurjat jew heddedt jew għamlet offiża fuq il-persuni inkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li tkun għamlet dan is-servizz bil-ħsieb li tinfluwixxi jew tbezzgħa fuqha kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuna ta' WPC 59 Abigail Couldrey;

3) Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' WPC 59 Abigail Couldrey skond kif iċċertifika Dr. Glenn Garzia MD Med. Reg 3226;

4) Aktar talli fl-istess data, ħin u lok ma obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija;

5) Aktar talli fl-istess data, ħin u lok, kissret il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

6) Aktar talli fl-istess data, ħin u lok waqt li kienet qed issuq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni SAB241 tal-għamla Mercedes-Benz u kienet ser tibdel id-direzzjoni jew il-kors naqset milli teżerċita l-kura u attenzjoni xierqa u turi l-intenzjoni tagħha billi naqset milli tagħmel sinjal b'indikatur tat-traffiku jew b'dawl ta' indikatur;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta ta' WPC 59 Abigail Couldrey kif jidhrilha xieraq skond l-Artikolu 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-17 ta' Mejju, 2018 li biha sabet lil Sabrina Camilleri mhux ħatja tal-imputazzjoni numru (1) u minnha illiberatha, iżda sabitha ħatja tal-imputazzjonijiet numru (2), (3), (4), (5) u (6) u ikkundannatha komplessivament għall-piena ta' multa ta' disa' mitt ewro (€900);

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Ġunju, 2018, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellata Sabrina Camilleri mhux ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni u ħatja tat-tieni, t-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet filwaqt illi **tirrevoka** l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena erogata fil-konfront tal-istess appellata u **minflok** tgħaddi sabiex tinfliġġi piena effettiva fil-parametri tal-liġi li tkun aktar ekwa u ġusta konsiderando iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. Illi dan huwa appell interpost mill-Avukat Generali unikament dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravam illi kienet kominata piena li mhix fil-parametri tal-ligi kif ukoll illi hija wahda ferm miti;

2. L-argument mressaq mill-Avukat Ġenerali ghal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, izda, ghandu minn zewg aggravji. Wiehed li l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali jistipula mhux biss multa izda wkoll il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża mizjuda b'zewg gradi u it-tieni illi l-multa mposta mill-ewwel Qorti hija vicin ferm tal-minimu. Marbut ma' dan l-Avukat Generali jilmenta illi s-sentenza appellata mkien ma ssemmi l-artikolu 21 tal-Kap 9 u ghalhekk ma kienx hemm raguni ghaliex l-ewwel Qorti tinzel taht il-minimu preskritt mill-ligi.

3. Il-fatti ta' dan il-kaz jirrisalu ghal Settembru tas-sena 2017 meta WPC 59 Abigail Caouldray kienet qegħda bil-karozza privata tagħha waqt li kienet liebsa l-uniformi u quddiemha kien hemm il-karozza Mercedes SAB241 li daret f'daqqa tant li hasset il-htiega li ddoqqilha l-horn. L-appellata ħarġet rasha u kelmet ħażin lill-Pulizija. Meta l-ufficjal marret tkellem lill-appellata waqt li din kienet fil-karozza tagħha din aktar infexxet tgħajjarha miġnuna u kliem baxx u indicenti ieħor u sahansitra ghamlitilha theddida li toqtolha. Il-Pulizija talbitha l-partikolaritajiet tagħha u l-appellata reġgħet kienet ħa ssuq meta l-Pulizija ħaditilha ċ-ċavetta tal-vettura u ordnatilha toħroġ mill-karozza biex jimxu lejn l-ghassa meta allura bdiet tirrezisti, gholliet saqajha mal-ufficcjal, girfitha w ghamlitilha xi tbenġil.

4. Certifikat mediku mressaq mill-prosekuzzjoni u ritratti juru *multiple scratches, grazes and abrasions on both arms'* lkoll deskirtt bhala offizi hfief.

5. Mill-verbal a fol 32, jirriżulta li l-imputata ammettiet it-tieni imputazzjoni jiġifieri dik li taqa' taħt l-artikolu 95 tal-Kap 9.

6. Il-Qorti tal-Maġistrati ma sabitx lill-appellata ħatja tal-ewwel imputazzjoni li taqa' taħt l-artikolu 96 tal-Kap 9. L-Ewwel Qorti sabitha ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha – mit-tieni sas-sitt imputazzjoni.

7. Fil-mori tal-kawza, l-appellata rregistrat ammissjoni kwantu it-tieni imputazzjoni, dik ravvizata fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

95. Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew jhedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed ikarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun qed jagħmel jew minħabba li jkun qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi **u** għal multa ta' mhux anqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000).

8. Il-Qorti ssottolineat il-konġunzjoni ***'u'*** sabiex tiddemostra li l-piena ghandha tkun tal-multa kif ukoll piena ta' xorta ohra. L-Avukat Generali ghalhekk ghandu ragun f'dan ir-rigward.

9. Issa mill-fatti emergenti mill-atti processwali, jemergi illi l-appellata hija hatja sia ta' ingurja, ta' theddid kif ukoll ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Ufficcjal tal-Pulizija waqt il-qadi tad-dmirijiet taghha. L-artikolu 95 irid li meta persuna tinsab hatja ta' ingurja, theddid jew offiza fuq il-persuna jew kollha jew wahda minnhom u s-suggestt passiv, il-vittma, ikun ufficcjal pubbliku, tehel il-piena stabbilita ghal dik l-offiza mizjuda b'zewg gradi. Issa l-ingurja bil-kliem kienet punibbli bil-piena tal-kontravenzjonijiet ex artikolu 252(2) Kap 9 (llum mhassar bl-Att XI tal-2018.25); l-istess dwar it-theddid ex artikolu 339(1) (e). Il-piena ghall-offiza ta' natura hafifa vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-reat kienet ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett xhur jew il-multa. (Wara l-Att XIII. 2018.24 u XXXII. 2018.5 llum hija soggetta ghal piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn sentejn jew il-multa). Naturalment hija applikabbli il-piena vigenti fid-data tal-

kommissjoni tar-reat jew ta' meta instabet htija skond liema hi l-aktar vantaggjuza ghal-hati skond il-kaz. Issa, ghalhekk, il-piena ta' prigunerija sa massimu ta' tlett xhur mizjuda b' zewg gradi skond l-artikolu 31 hi ta' massimu ta' disa' xhur;

10. Għall-kompletezza qed jingħad ukoll li bl-Att V tas-sena 2014 l-leġislatur kien emenda l-ewwel subartikolu tal-artikolu 95 billi biddel it-tlugħ minn grad għal tlugħ b'żewġ gradi kif ukoll żied il-multa li tidher bħal-lum. Barra dan il-leġislatur abroga is-subinċiż (2) li kien jgħid hekk: 'Iżda l-piena ma tiżdiedx meta hija dik stabbilita għall-kontravenzjonijiet. Abroga wkoll is-subinċiż (3) li kien jgħid 'Il-piena lanqas ma tiżdied meta hija dik ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur: iżda f'dan il-każ il-qorti, tista', ma' din il-piena, iżżid il-multa.' L-emendi fl-artikolu seħħew matul is-sena 2014 u dan sar qabel ma seħħ ir-reat imsemmi f'din iċ-ċitazzjoni għaliex dan sar fis-26 ta' Settembru 2017. Għalhekk japplika l-artikolu 95 tal-Kap 9 kif fis sehh 2014. L-appellata ghalhekk kienet soggetta ghall-prigunerija ta' mhux aktar minn disa xhura oltre il-multa;

11. L-Avukat Ġenerali jargumenta illi skont diversi sentenzi, il-piena ta' priġunerija għandha tkun waħda effettiva meta si tratta ta' reati fil-konfront ta' membri tal-pulizija inkarigati minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Din hija direzzjoni li ngħatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri sabiex min qed jaqdi id-dmirijiet tiegħu fis-servizz pubbliku jkollu s-saħħa tal-liġi warajh biex tħarsu mill-inġurji, it-theddid u l-offiżi gravi jew ħfief. (ara r-referenzi fl-ewwel paragrafu). Il-Qorti rat ukoll li gia mill-fedina penali l-appellata kellha imputazzjoni ta' din ix-xorta u ngħatat "R and A" li teknikament mhix korretta ghaliex l-artikolu 7(2) (c) jitkellem fuq ic-canfira jew it-twiddiba u mhux it-tnejn flimkien.

12. Filwaqt illi l-Avukat Generali ghandu ragun fl-appell tieghu, id-diskrezzjoni dwar il-piena issa hija rimessa f'idejn din il-Qorti la

darba l-ewwel Qorti applikat piena anqas mix-xorta li trid il-ligi. Dwar dan, ser jittiehed in konsiderazzjoni dak li riedet tirrifletti l-ewwel Qorti fil-piena taghha u tghazel illi timxi pass pass fil-gradwatorja tal-piena sabiex l-appellata tifhem li b'hekk qed tinghata kull opportunita' li tirriforma ruhha qabel ma jkun applikat l-estrem tal-inkarcerazzjoni effettiva;

13. Ghal dawn ir-ragunijiet, tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti li biha illiberat lill-appellata mill-ewwel imputazzjoni u f'dik il-parti li sabitha ħatja tal-imputazzjonijiet immarkati (b), (c), (d),(e) u (f) u kif ukoll f'dik il-parti li biha kkundannatha tħallas multa ta' disa' mitt (900) Euro u **zzid** maghha t-tqeghid tal-appellata fuq ordni ta' probation ghal zmien sentejn millum fit-termini tal-artikolu 7 tal – Kap 446.

14. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser fi kliem car l-obbligi tal-hatja naxxenti minn din is-sentenza u l-konsegwenzi serji ta' din is-sentenza jekk tonqos milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet li jistghu ikunu imposti fuqha mill-ufficcjal tal- probation.

15. Il-multa titħallas bir-rata ta' mitt Euro fix-xahar kif imponiet il-Qorti tal-Maġistrati pagabbli kull l-ahhar tax-xahar u bl-ewwel pagament iseħħ fl-ahhar ta' Marzu, 2019.